Kunsill Lokali tar-Rabat

Rapport Amministrattiv

2019

**Offerta Pubbliku : Dwal tat-toroq dekorattivi**



Nhar id-9 ta' Jannar 2019 il-Kunsill Lokali tar-Rabat fetaħ l-offerta pubblika għal dwal tat-toroq dekorattivi għall-Pjazza tal-Parroċċa u s-Saqqajja u parti minn Triq San Pawl. Dan sar biex jinbidlu dawk eżistenti li huma kollha ma jixhelux u qed ikerrħu propju żewġ siti important għall-aspett kulturali, reliġjuż, turisitiku u dak li għandu x'jaqsam mal-wirt storiku tar-Rabat. Dawn l-offerti ġew aġġudikati aktar tard.

***Bus Shelter* tal-Pjazza tas-Saqqajja**

Il-Kunsill kellu laqgħa important ħafna dwar il-bżonn li jinbidel il-*bus shelter* tas-Saqqajja wara li kien iġġarraf fil-maltemp u s-saqaf tiegħu sibnih taħt is-Saqqajja 'l bogħod. Rappreżentant tal-kumpanija *Faces Ltd* tkellem mal-amministrazzjoni tal-Kunsill biex tinstab soluzzjoni denja u jitwaħħal ieħor modern u aktar addattat. Din il-laqgħa importanti nżammet nhar id-9 ta' Jannar 2019.

**Offerta Pubblika : Ġbir tal-Iskart RLC.T.0174.18 - *Service tender for the collection of household waste***

Nhar l-10 ta' Jannar 2019 infetħet offerta pubblika important ħafna, biex jingħata s-servizz tal-Ġbir tal-Iskart bieb bieb fir-Rabat. L-aġġudikar ta' din l-offerta ma sarx taħt is-seba' leġislatura għaliex wara li l-offerta kienet evalwata minn bord apposta, r-rakkomandazzjoni ma ntlaqgħetx mil-kunsillieri u nfatti it-Tmine leġislatura ħarġet offerta oħra simili ftit tax-xhur wara li nħatru l-kunsillieri l-ġodda.

**Latrina tal-Baħrija**

Laqgħa fuq is-sit saret fil-latrina pubblika tal-Baħrija mal-kuntrattur tad-dwal, *Mica Med Ltd*. Matul din il-laqgħa ġie stabbilit illi l-proviżjoni tad-dawl fil-latrina tista' titwassal minn kaxxa li hemm fil-qrib li probabbli hemm fiha l-*meter* tal-ġnien il-Barnuża l-Ħamra. Din il-laqgħa kienet important ħafna għaliex fid-dinja tal-llum ma jistax ikun li ma' jkun jista' ħadd jinqeda' fil-latrina hekk kif tinżel ix-xemx.

**Bejt tal-Kunsill**

Laqgħa oħra inżammet mil-Perit Charles Buhagiar u l-*Junior Architect* fis-16 ta' Jannar 2019 kienet esegwita bi spezzjoni fuq il-bejt tal-Muniċipju tar-Rabat. Matul din il-laqgħa kien stabbilit illi ma jingħatax permess lill-ġar sabiex jiddevvja l-ilma tal-bejt mil-kamra tal-Kunsill kif ried hu u nitilfu l-ġust

peress li kemm id-dar tal-Kunsill kif ukoll id-dar tal-ġar tagħna kienu post wieħed u l-ilma ta’ parti mil-bejt tal-Kunsill jaqbeż għal fuq terzi.

Din hija l-iskeda tal-Laqgħat tal-Kunsill li nżammu matul din is-sena. Wieħed irid jieħu nota tal-laqgħat 91, 97, 1, 2 u 3 minħabba l-importanza tagħhom**.**

| **Data** | **Nru** | **Dettalji** |
|---|---|---|
| 15 ta’ Jannar 2019 | 90 | |
| 31 ta’ Jannar 2019 | 91 | Laqgħa b’urġenza l-għeluq ta’ Triq Ġorg Borg Olivier mill-Gvern Ċentrali |
| 19 ta’ Frar | 92 | |
| 26 ta’ Marzu | 93 | |
| 9 ta’ April | 94 | |
| 29 ta’ April | 95 | |
| 14 ta’ Mejju | 96 | |
| 28 ta’ Ġunju | 97 | L-Aħħar laqgħa tas-sebgħa leġislatura |
| 1 ta’ Lulju | 1 | L-ewwel laqgħa tat-tmien leġislatura |
| 12 ta’ Lulju | 2 | Tqassim tad-Dekasteri lill-kunsillieri |
| 28 ta’ Lulju | 3 | Kien deċiż min se jieħu Ġieħ ir-Rabat u unuri oħra |
| 11 ta’ Settembru | 4 | |
| 2 ta’ Ottubru | 5 | |
| 13 ta’ Novembru | 6 | |
| 4 ta’ Diċembru | 7 | |

**Kumitat Amministrattiv:**

Tal-Virtu:

| **Data** | **Nru** | **Dettalji** |
|---|---|---|
| 9 ta’ Jannar 2019 | | |
| 13 ta’ Frar 2019 | | |
| 20 ta’ Marzu 2019 | | |

Tal-Baħrija:

| **Data** | **Nru** | **Dettalji** |
|---|---|---|
| 31 ta’ Jannar 2019 | 53 | |
| 7 ta’ Marzu 2019 | 54 | |
| 25 ta’ April 2019 | | |

**Kumitat tat-Traffiku ffurmat fit-tmien leġislatura:**

Dan tlaqqa’ l-ewwel darba nhar is-26 t’ Ottubru u ġie ffurmat minn

Is-Sur Chris Farruga (*Chairperson*)
Is-Sur Imħallef Antonio Mizzi (Membru)
Is-Sur Silvio Abela (Membru) (Ufficjal inkarigat mill- Inteliġenza Artifiċjali)

Is-Sur Joe Azzopardi (Supritendent u membru)
Is-Sur Anthony Bonello (Segretarju Ezekuttiv)

Fis-16 ta' Novembru inżammet laqgħa oħra li fiha kienu diskussi temi important bħall-parkeġġ tal-Baħrija fil-preżenza tal-kunsillier is-Sur Kris Grech li għandu l-Baħrija fid-dekasteru tiegħu.

**Programm ta' Attivitajiet għall-Anzjani**



Is-Sinjura Doris Coleiro ħadet ħsieb biex toħloq programm ta' attivitajiet soċjo kulturali u rikrejattivi għall-Anzjani kif ġej:

| Data | Attivita' |
|---|---|
| 9.10.2019 | Coffee Morning f'Anchor Bay |
| 13.11.2019 | Coffee Morning fil-Gillieru Restaurant, San Pawl il-Baħar |
| 11.12.2019 | Coffee Morning Bella Vista Hotel, il-Qawra. |

Seminars u laqgħat ġenerali li attenda għalihom is-Sindku, il-Viċi Sindku, l-kunsillieri u / jew is-Segretarju Eżekuttiv

| Data | Tema |
|---|---|
| 25.1.2019 | Seminar dwar  d-diffikultajiet li l-awtoritajiet lokali qed jiffaċċjaw fl-interazzjoni tagħhom mal-entitajiet pubbliċi u viċeversa |
| 20.2.2019 | Il-Kunsill laqa' l-istedina li għamlitilna l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn iltaqgħu ma' kull kunsill rispettiv f'Malta u Għawdex. Diversi kunsillieri attendew għal din il-laqgħa li kienet kordjali u inqas formali minn dawk li jinżammu s-soltu mill-Assoċjazzjoni. |
| 26.2.2019 | Laqgħa li nżammet mid-Dipartiment Gvern Lokali flimkien mal-Awtorita' tal-Ippjanar kienet dwar id-*Development Planning Fund.*<br>Dan il-fond jagħti opportunitajiet għall-ibliet u l-irħula biex jinvestu f'ambjent aktar sostennibli kif ukoll itejbu l-kwalita' tal-ħajja għar-residenti. |

**Laqgħat regolari mal-Pulizija**

30.1.2019 – Laqgħa oħra inżammet fl-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv li fiha kienu diskussi l-**immaniġġjar tat-traffiku**. Fuq quddiem net tal-aġenda kienet l-għeluq ta' Triq Ġorg Borg Olivier biex tingħata kisja qatran minn Infrastruttura Malta. Fil-25 t'Ottubru nżammet ukoll laqgħa oħra mas-Supritendent Joseph Hersey u l-Ispettur Hersey bl-iskop li jkun hemm aktar ko-ordinament fil-festa ta' San Martin tal-Baħrija li ssir f'Novembru 2019.

**Offerta Pubblika tal-Perit RLC/T/0173/18**

Nhar it-18 ta' Jannar 2019 skatta tmiem il-perjodu fejn xi ħadd minn dawk li kienu tefgħu l-offerta tal-Perit ikunu jistgħu jagħmlu appell. Dan ifisser illi l-Kunsill se jintrabat biex jieħu s-servizzi professjonali tal-Perit Charles Buhagiar A & CE.

**Skavi ta' Triq Santa Rita**

Fit-22 ta' Jannar 2019 il-Kunsill Lokali tar-Rabat kellu laqgħa mportanti mal-Perit tal-kuntrattur tal-kisi ta' toroq bit-tarmak. Dawn l-iskavi ta' Triq Santa Rita kienu ilhom snin sħaħ li nstabu. Infatti dawn kienu nstabu meta l-KLR kien qed jirranġa t-triq. Matul il-laqgħa kordjali ħafna li saret intqal illi dawn l-iskavi jridu jiġu magħluqa għaliex ma jistax ikun illi triq tibqa' b'ġerħa fiha li qed tkun ta' *eye-sore* għar-Rabtin u l-viżitaturi inkluż it-turisti. Dawn l-iskavi ssaqqfu minn Infrastruttura Malta f'Mejju 2019.

***Refurbishment* tal-Latrina Pubblika ta' Triq Santa Rita**

Laqgħa ta' ntroduzzjoni inżammet nhar il-11 ta' Frar fl-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv mal-electician / plumber is-Sur Mark Magro u l-aġent tal-kmamar tal-banju Tatara Bathrooms. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat kien kommess illi sa qabel l-elezzjoni tal-Kunsill jagħmel ix-xogħlijiet li hemm bżonn fuq il-latrina pubblika ta' Triq Santa Rita. Inħatar il-kunsillier Nazju Cassar biex jikkordina dawn ix-xogħlijiet u dawk preżenti kienu provduti b'*samples* tal-madum ecc.

**Laqgħa mal-Girl Guides – Graziella Zahra (Ċentru Ċiviku)**

Fit-13 ta' Frar saret laqgħa importanti dwar is-servizzi li joffru l-*Girl Guides* miċ-Ċentru Ċiviku. Matul din il-laqgħa l-aċċess għaċ-ċentru ċiviku kien deskritt bħala wieħed prekarju mmens minħabba li l-*lift* waqaf jaħdem, iċ-ċentru għandu bżonn dawra, il-passaġġ komuni fih ħafna ħmieġ, dlam u telqa.

**Attivita Kulturali – Funeral Ruman fir-Rabat**

Taħditiet kontinwi jsiru ma' diversi entitatjiet fosthom *Heritage Malta* li jamministraw żewġ siti importanti fir-Rabat: id-Domus Rumana u l-Katakombi ta' San Pawl. Infatti din l-attivita' kienet organizza minn *Heritage Malta* li talbu lill-Kunsill biex mill-att ta' mmaniġġjar tat-traffiku għeluq ta' toroq u servizzi oħra bħal tindif ad hoc ecc, jsir bil-ħidma tal-Kunsill. Din l-attivita' li ġibdet l-interess ta' diversi viżitaturi nżammet nhar is-17 ta' Frar iżda l-ewwel laqgħa ta' tħejjija saret fis-17 ta' Jannar 2019.

***Placement*: Miguel Camilleri**

Opportunita' li ta l-Kunsill Lokali tar-Rabat kien lill-istudent Miguel Camilleri li jgħix il-Baħrija. L-esperjenza qasira li qatta magħna żgur servietu biex akkwista ftit tal-esperjenza u jduq id-dinja tax-xogħol filwaqt li jkompi jistudja ħalli jaħseb għall-karriera. Dan beda l-esperjenza magħna fid-19 ta' Frar 2019.

**Laqgħa mal-Amministrazzjoni tal-Festa ta' San Ġużepp**

Fil-21 ta' Frar is-Segretarju Eżekuttiv laqa' lid-diriġenti tal-Każin, Arċikonfraternita' u persuni oħrajn involuti fil-festa ta' San Ġużepp fil-Bini Amministrattiv. Din il-laqgħa kienet waħda biex tindirizza l-affarijiet loġistiċi qabel l-istess festa. Madankollu kellna l-opportunita' li nisimgħu dak kollu li kellhom x'jgħidulna dwar l-ippjanar ta' festa bi triq ewlenija bħalma hija Triq Ġorg Borg Olivier magħluqa li kienet waħda mill-problemi kemm-il darba per eżempju tingħalaq ir-*ring road* bil-marċ biswit l-istatwa ta' San Ġużepp f'Wesgħet il-Mużew, fejn seta' ġġammja t-traffiku kollu tar-Rabat.

**Xhieda fil-Tribunal ta' San Pawl il-Baħar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ta x-xhieda tiegħu fit-tribunal dwar taħrikiet li ħarġu l-Pulizija fir-Rabat. Dawn kienu minħabba skart li tħalla wara l-bibien minkejja diversi twissijiet li ingħataw mill-KLR kemm permezz tal-fomm kif ukoll b'mod fomali. Fit-28 ta' Frar, ingħatat din ix-xhieda biex l-aġġudikatur ikun f'pożizzjoni tajba sabiex jieħu d-deċiżjoni denja għal kulħadd.

**Korsijiet**

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat nhar is-7 ta' Marzu beda l-ewwel kors tal-Computer li kien organizzat mill-Kunsill bil-partċipazzjoni tal-kumpanija TCTC. Dan il-kors kien popolari speċjalment ma bosta studenti żgħażagħ u anke anzjani li ħadu gost jitgħallmu fil-lokalita' tagħna stess. Wieħed jinnota illi għal dan il-kors kien hemm ukoll persuna li tuża *battery assisted bicycle* għaliex kien qed jipparkja eżatt quddiem il-bieb tal-Kunsill, xi ħaġa li ma tistax issir b'karozza peress li l-parkeġġ possibbli, hu metri 'l bogħod. It-tieni kors tal-*computer* beda fil-11 ta' Marzu 2019.

**Festa ta' San Ġużepp – laqgħa ma' Transport Malta**

Bħalma semmejna qabel, il-festa ta' San Gużepp kienet se tkun waħda aktar diffikultuża mis-snin preċedenti peress li matul l-2019 kien hemm Triq Ġorg Borg Olivier magħluqa. Infatti biex nantiċipaw għad-diffikultajiet li setgħu jinqalgħu inżammet laqgħa kordjali fl-uffiċini ta' Transport Malta fejn għaliha kienu mistiedna l-Pulizija (Supretendent, Spettur, Maġġur u Surġent) kif ukoll ir-rappreżentant tal-Kunsill Lokali tar-Rabat.

**Sistema ta' Sigurta' fl-Uffiċini Muniċipali**

Nhar il-11 ta' Marzu 2019 bħala mezz ta' sigurta', twaħħlet Sistema ta' CCTV fl-uffiċini tal-Kunsill. Din is-CCTV issa qed tkun ta' deterrent għal kull min f'moħħu kellu li l-uffiċċju tal-Kunsill ikun fil-mira ta' attakk ta' serq. *Camera* minnhom kienet imwaħħla fuq il-*Cash Office* filwaqt li l-erba' l-oħra kienu mwaħħla mal-faċċata tal-Muniċipju; tnejn f'kull kantuniera.

**Tindif ta' Wied il-Qlejgħa**



Fit-12 ta' Marzu, u s-17 ta' Mejju, s-Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa ferm important fl-ERA biex ikun aġġornat x'se jsir propju fiċ-Chadwick Lakes. Fil-preżenza tal-Marittimu is-Sur Alan Deidun kif ukoll tas-Sur Emanuel Sapiano li hu studjuż f'dan is-suġġett kif ukoll persuna Rabtija li taf il-lokal sew, intqal illi waħda mill-akbar sfidi hija tip ta' ħuta (cray fish) li tgħix fil-ħama ta' Wied il-Qlejgħa li mhix indiġena. Din m'għandha l-ebda' predatur u għalhekk kissret l-eko-sistema kollha ta' dan il-wied u jinħtieġ li tiġi meqruda.

**Data Protection Officer (DPO)**

Id-Dipartiment Gvern Lokali ħareġ direttivi ċari illi l-Kunsilli Lokali jinħtieġ li jkollhom DPO magħhom minħabba leġislazzjoni internazzjonali li affettwat ukoll lill-Malta. Il-Kunsill kellu laqgħa ma' waħda mill-kumpanija li joffru dan is-servizz  - Boom Ltd. Din seħħet fl-uffiċċju fil-preżenza tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv nhar l-14 ta' Marzu. Wara sensiela ta' laqgħat biex niksbu l-aħjar servizzi bl-aħjar prezzijiet, kien deċiż illi d-*Data Protection Officer* tal-Kunsill Lokali tar-Rabat tkun Dr Demi Agius. Nhar is-17 ta' Lulju nżammet laqgħa bejn Dr Demi Agius u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill biex kienu stabbiliti diversi parametri li rridu naħdmu fihom; fosthom id-*Data Protection Policy* tal-Kunsill Lokali tar-Rabat. Intant fil-21 ta' Awwissu, Dr Demi Agius organizzat sezzjoni ta' taħriġ mal-ħaddiema dwar il-protezzjoni tad-data.

**Festa ta' San Ġużepp**



Mill-att ta' tindif, il-Kunsill Lokali tar-Rabat kien sodisfatt mis-servizz mogħti lilu mil-kumpanija li toffri dan is-servizz. Bħalma jsir is-soltu f'nhar il-festa is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kienu mistiedna għall-Pontifikal fejn attendew diversi dinjitarji.

**European Single Procurement Document**




Laqgħa mportant li nżammet fid-Dipartiment tal-Kuntratti kienet dwar l-ESPD li wieħed issa qed jimla' mal-offerti pubbliċi. Din saret nhar l-20 ta' Marzu u kienet miftuħa għall-Kunsilli Lokali kollha minħabba l-importanza tagħha. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat kien rappreżentat mis-Segretarju Eżekuttiv.

**Xhieda fil-Qorti**

Fit-12 ta' April rappreżentant tal-Kunsill ta xhieda fil-Qrati tal-Ġustizzja dwar incident li seħħ fil-Gianpula fil-limiti tar-Rabat u Ħaż Żebbuġ. Hu fatt illi ma kull taħrika qed jintilef ħafna ħin prezzjuż mill-amministrazzjoni tal-Kunsill. Madankollu b'sens ta' responsabbilita' meta speċjalment it-taħrika tkun fuq skart u ħmieġ, il-Kunsill se jibqa' jagħti l-ħin tiegħu biex issir ġustizzja.

**Tqassim ta' boroż tar-riċiklaġġ**




Bejn it-22 u s-27 ta' Marzu, il-kumpanija Greenmt qassmet il-boroż tal-iskart tar-riċiklaġġ mill-uffiċċju tal-Kunsill. F'din il-ġimgħa l-uffiċċju kien iffullat mir-residenti Rabtin biex jiġbru b'xejn dawn il-boroż tar-riċiklaġġ. Din kienet inizjattiva li ttieħdet għall-benefiċċju tar-residenti biex inħeġġu lir-Rabtin jirriċiklaw aktar.

**Simblija**



Fit-30 ta' April u fil-25 ta' Ġunju rappreżentant tal-Kunsill ta t-testimonjanza tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda. Dan inqala' minħabba permess li ngħata mill-Kunsill Lokali tar-Rabat lill-għaqda ambjentali biex tagħmel mixja biex tqajjem għarfien dwar dan is-sit storiku. Hija r-responsabbilita' tagħna mhux biss li jitqajjem għarfien iżda wkoll li jingħata aċċess biex dan is-sit ikunu jistgħu iżuruh.

**Xhieda fil-Qrati – ħsarat fuq vettura**

Nhar it-2 ta' Mejju, u fil-5 ta' Ġunju, is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat ta t-testimonjanza tiegħu fil-każ fil-Qrati ta' Malta dwar incident li seħħ fl-inħawi tal-Kamra tan-Nar ta' San Ġużepp fl-inħawi tal-Għemmieri. Dwar il-post kien hemm diffikulta' għaliex fit-taħrika kien hemm post ieħor. Minkejja dan in-nuqqas, il-Kunsill Lokali tar-Rabat xorta weħel it-tiswijiet tal-vettura kif kien imġiegħel jagħmel mil-Qrati aktar tard.

**Riforma fil-Kunsilli Lokali**

Is-Segretarju Eżekuttiv kien mistieden jattendi konferenza organizzata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar ir-riforma li seħħet fil-Kunsilli Lokali. Punt ta' diskussjoni li kien jaffettwana kien it-tneħħija ta' Kumitati Amministrattivi minkejja li xorta waħda il-fondi u l-ispejjeż iridu jkunu segregati skont il-lokal: Rabat, Virtu' u Baħrija; fil-każ ta' finanzi tal-Kunsill. Kien hemm affarijiet oħra li kienu introdotti għall-ewwel darba li mhux possibbli li jkunu mniżżla f'dan ir-rapport.

**Filming fir-Rabat**

Bejn is-7 u l-11 ta' Mejju, fir-Rabat inħarġu diversi permessi biex jittieħdu diversi *parking bays* għall-iffilmjar ta' film fil-lokalita'. Dan seħħ meta il-*Latina Pictures* urew interess fir-Rabat f'diversi postijiet differenti speċjalment dawk rurali.

**Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali**

Laqgħa ta' koordinament bejn il-Kunsill u l-Pulizija inżamm nhar it-13 ta' Mejju bi tħejjija għat-traffiku li kien mistenni li jkun aktar akut nhar il-25 ta' Mejju. Pjan ta' kontinġenza kien imħejji għaliex dak in-nhar diversi morda jkunu miġjuba biex jivvutaw fl-iskola tar-Rabat minn diversi djar fejn ikunu qed jiġu rikoverati.

**Passaport tal-Kbar**




Fis-16 ta' Mejju, is-Segretarju Eżekuttiv ipparteċipa f'laqgħa li seħħet f'Ħaġar Qim biex il-Kunsill Lokali tar-Rabat bħal Kunsilli Lokali l-oħra, jingħata l-inkarigu li japplika għall-anzjani biex jingħataw l-hekk imsejjaħ il-Passaport tal-Kbar. B'dan il-passaport l-anzjani se jkunu jistgħu jżuru mingħajr ħlas is-siti kważi kollha ta' *Heritage Malta*. Inizjattiva kulturali li xprunat interess kbir fis-siti storiċi imferrxa ma' Malta kollha u fuq kollox ħolqot għarfien tat-teżori imprezzabbli li għandna fi gżiritna.

**Laqgħa ta' Koordinament li nżammet fil-Landrijiet dwar l-introduzzjoni tad-drenaġġ mill-Ministru Joe Mizzi**

Nhar l-20 ta' Mejju, nżammet laqgħa mportanti fil-Landrijiet fejn il-Gvern Ċentrali se jkun qed jgħaddi s-sistema tad-drenaġġ għall-ewwel darba u jaqta' l-fosos tad-djar. Din il-wiegħda kienet pubblika fil-preżenza ta' diversi kunsillieri tal-Kunsill Lokali tar-Rabat biex in-*network* ikun estiż f'dawn l-inħawi wara l-proġett tad-drenaġġ li seħħ fil-Baħrija diversi snin ilu.

**Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali**

Fil-25 ta' Mejju inżammu l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali. Dawn kienu l-membri eletti għall-Kunsill Lokali tar-Rabat: Is-Sur Sandro Craus (Sindku), is-Sur Matthew Chetcuti (Viċi Sindku), is-Sinjura Doris Coleiro (Kunsillier), is-Sur Kris Grech (kunsilier), is-Sur Christ Farrugia (kunsillier), is-Sur Rodolph Grima (Kunsillier), is-Sur Nazju Cassar (kunsillier), Dr Karl Muscat (Kunsillier) u s-Sur Ian Vassallo (kunsillier). Aktar tard fit-18 ta' Ġunju inżammet iċ-ċerimonja tal-ħatra tal-kunsillieri f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi.

**Gela - Malta - Zjara fostna minn Karavana ta' Vetturi klassiċi**



Nhar l-1 ta' Ġunju, il-Kunsill Lokali tar-Rabat rappreżentat mill-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv laqgħu bosta Sqallin permezz tal-kuntatt ma' Dr Ivana Legname. F'din iċ-ċelebrazzjoni ta' vetturi, kienu ppreżentati l-*insigna* tar-Rabat fuq *trophy* lill-organizzaturi tal-karavana ta' vetturi antiki li ġew minn Gela fi Sqallija għar-Rabat. Dan seħħ fil-parkeġġ f'Wesgħet il-Mużew fejn kien hemm interess kbir speċjalment minn bosta dilettanti tal-vetturi antiki li ħafna minnhom jiftakru jsuqu l-istess mudell diversi snin ilu.

**Open Day fil-katakombi tad-Dejr**



Nhar it-2 ta' Ġunju, *Heritage Malta* bil-ko operazzjoni tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, organizzaw *open day* fil-katakombi tad-Dejr. Dan il-katakombi hu wieħed interessanti ferm għaliex hu kbir ħafna u ftit kienu rawh nies, inkluż dawk kollha li joqgħodu mad-dawra tiegħu. Sadanittant bdew taħditiet dwar propost *allotment garden* fis-sit li jinsab fuq l-istess katakombi fi ġnien li kien pjuttost mitluq. L-ideja hija illi n-nies stess li joqgħodu hemm jaħdmu l-ħamrija u jkabbru l-fjuri u l-prodotti tagħhom bil-għan li jitqajjem sens ta' *'ownership'.*

**Programm ta' Tindif – Festa San Pawl**

Bi tħejjija għall-festa ta' San Pawl, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv żammew laqgħa mal-kuntrattur li



jagħti s-servizzi ta' tindif tat-toroq fir-Rabat. Waħda mill-akbar attrazzjonijiet fir-Rabat fil-festa hija bla dubju ta' xejn l-ispettaklu tat-tfih ta' karti permezz ta' makkinarju speċjalizzat fil-Pjazza tal-Parroċċa. Dan ikompli jħammeġ il-post propju ftit tas-siegħat qabel ma tibda ħierġa l-purċissjoni bl-istatwa aktar tard fil-għaxija. Għaldaqstant id-diskussjoni li saret kienet tiffoka fuq it-tindif immedjat tal-viċinanzi tal-Parroċċa tar-Rabat. Fit-23 ta' Ġunju tinżamm festa oħra mportanti li għaliha l-lokalita' jkun jinħtieġ li tkun tidher nadifa kif jixhraq – dik ta' *Corpus Domini*.

**Blood Mobile Unit – fil-Festa tal-Imnarja**




Festa oħra li titfakkar bil-kbir fir-Rabat, hija dik tal-Imnarja. F'dan il-jum, fid-29 ta' Ġunju, l-Kunsill Lokali tar-Rabat, ikkoordina il-mawra tal-*Blood Mobile Unit* fuq is-Saqqajja. Il-Kunsill hu infurmat illi din l-inizjattiva kienet suċċess daqs l-attivitajiet li kienu organizzati taħt is-Saqqajja bit-tiġrijiet taż-żwiemel kif ukoll bil-kunċert li kien organizzat fl-istess Pjazza Saqqajja quddiem in-niċċa ta' San Pawl mil-Banda San Ġużepp tal-Każin L'Isle Adam.

**Staff Meeting**

Fid-9 ta' Lulju inżamm l-ewwel *staff meeting* fil-preżenza tas-Sindku, is-Sur Sandro Craus. Hawn kien stabbilit illi l-KLR qed isofri minn nuqqas ta' staff u jinħtieġ li tkun indirizzata l-problema għaliex kien hawn ħafna tgergir mill-pubbliku biex jaqbdu magħna speċjalment fuq it-telefon. Ftit ġranet wara l-Kunsill ħareġ sejħa biex kienet ingaġġata skrivana Ms Naiomi Bugeja Micallef fi Skala XVI biex il-problema ittaffiet u x-xogħol inqasam.

**Kumitat għat-Tismija tat-Toroq – Triq Ġlormu Dingli**

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat kien ilu jirċievi ilmenti minn residenti li joqgħodu fi Triq it-Torri l-Aħmar u Triq Ġlormu Dingli minħabba taħwid fil-posta. Infatti saret talba mill-Kunsill Lokali tar-Rabat sabiex tissolva il-problema tal-fergħa li dwarha l-kumitat tat-Tismija tat-Toroq iddeċieda li tissemma Triq Ġlormu Dingli. Din il-laqgħa nżammet nhar id-9 ta' Lulju u t-triq issemmiet fil-gazzetta tal-Gvern ftit jiem wara.

**Fondi għall-attivitajiet u inizjattivi kulturali ffinanzjanti mill-Agenzija LESA**

Laqgħa importanti li kienet organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienet tittratta il-fondi li se jkunu disponibbli mill-Aġenzija LESA għall-attivitajiet kulturali fil-lokalitajiet ta' Malta u Għawdex. Għal din il-laqgħa kienu preżenti kemm il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv li se jkunu inkarigati minn attivita' biex ikunu rkuprati l-fondi imwiegħda fil-laqgħa ta' nhar il-11 ta' Lulju 2019.

**Dekasteri**

Fit-12 ta' Lulju, propju fit-tieni laqgħa tal-Kunsill Lokali tar-Rabat ingħataw id-dekasteri kif ġej:

Is-Sur Alexander k/a Sandro Craus - – Indafa, Ambjent, Infrastruttura u Proġetti

Is-Sur Matthew Chetcuti (Viċi Sindku) - Inklużjoni Soċjali, Qasam Soċjali, Għaqdiet u Ambjent

is-Sinjura Doris Coleiro (Kunsillier) - Anzjani, Edukazzjoni u Radju tal-Komunita'

is-Sur Kris Grech (kunsillier) - Baħrija u Żgħażagħ (Ġnien tal-Baħrija)

is-Sur Christ Farrugia (kunsillier) - Virtu, Maniġġjar tat-Traffiku, Media Soċjali (Ġnien San Duminku)

is-Sur Rodolph Grima (Kunsillier) - Kultura u Turiżmu

is-Sur Nazju Cassar (kunsillier) - Baħrija u Outskirts

Dr Karl Muscat (Kunsillier) - Sports, Attivitajiet Fiżiċi, Ħarsien tal-Annimali, Innovazzjoni u Fondi Ewropej u

s-Sur Ian Vassallo (kunsillier) - Tal-Virtu', il-Komunita' tan-Negozju u Żgħażagħ

**Jum ir-Rabat 2019**

Fit-18 ta' Lulju inżammet laqgħa mal-*istakeholders* kollha li kienu se jkunu involuti fl-organizzazzjoni ta' Jum ir-Rabat. Fosthom Patri Rafel Abdilla tal-Komunita' Agostinjana, Is-Sra Victoria Privitera li kienet inkarigata fil-loġistika fil-passat, is-Sra Roberta Galea li kienet se tkun qed tieħu post is-Sra Victoria Privitera, is-Sur Joe Genovese, is-Soundman, u s-Segretarju Eżekuttiv fuq is-sit propju fejn ġie organizzat dan l-avveniment aktar tard. Fid-19 ta' Awwissu tqassam f'kull dar *leaflet* bi stedina għal Jum ir-Rabat. Kienu kkunsidrati diversi siti fosthom iċ-Ċentru *Għajn* madankollu kien deċiż illi kollox jinżamm quddiem il-Knisja ta' Santu Wistin. Laqgħa oħra nżammet fuq is-sit nhar it-22 ta' Awwissu, mas-Sur Joe Genevese (soundman) u Frankie Busuttil, il-Caterer li kien offrut kamra fil-Kunvent Santu Wistin minn fejn kien se joħroġ l-ikel u x-xorb għall-mistednin. Intant f'Jum ir-Rabat, fit-2 ta' Settembru, kienu mogħtija dawn l-unuri:



Ġieħ ir-Rabat: 2019 lill-koppja is-Sur Antonio u s-Sra Marlene Mizzi

Rikonoxximenti oħra:

- Sur Charles Azzopardi, is-Sur Stephen Borg, is-Sur Andrew Mallia, is-Sur Paul Grech u s-Sur Peter Paul Azzopardi.
- Clint Zahra minħabba l-abbilita' tiegħu biex jgħin persuni billi jivvinta prosthesis fejn persuni saħansitra mingħajr id waħda, issa qed isuqu mutur.
- Emanuel Genovese u Rita Agius Genovese għall-kontribut tagħhom biex żammew ħaj il-passatemp tal-bini tal-presepji.
- Charlie Camilleri għall-kontribut siewi tiegħu fl-Isports.
- Nazju Cassar (aktar minn 25 sena servizz fil-Kunsill) qed ikun ikkunsidrat illi jingħata mertu mill-President ta' Malta.
- midalja lit-tfal kollha tan-Nursery tar-Rabat Ajax għaliex dawn kellhom l-opportunita' li jmorru 'l barra minn xtutna.

**Xogħlijiet ta' Kostruzzjoni fir-Rabat.**

Fid-19 ta' Lulju, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mac-*Chief Executive Officer* ta' Infrastruttura Malta fiċ-Ċentru tal-Avjazzoni f'Ħal Luqa biex jiddiskutu diversi temi, fosthom kif ix-xogħlijiet tal-Gvern Ċentrali qed u se jaffettwaw ix-xogħlijiet tal-Kunsill fuq il-programm ta' Miżura 4.3. Dawn ix-xogħlijiet huma antiċipati li jibdew u oħrajn li jkomplu fil-jiem li ġejjin. Infatti it-toroq li kienu antiċipati li jsiru mill-Kunsill, dawk ta' Landrijiet, se ssir mill-Gvern meta jagħmel id-drenaġġ, tal-Imtaħleb hemm partijiet minnha li se tmissha l-istess xorti u ta' Wied Rini fil-fatt lestiha l-Gvern Ċentrali. Matul din il-laqgħa kien stabbilit illi Infrastruttura Malta se tħaffef il-proċess fi Triq Ġorg Borg Olivier, qed tlesti Triq tal-Isqof li tagħti minn Tal-Virtu' għal Triq it-Tiġrija, u se tibda' Triq Inguanez.



**Laqgħa mal-Onor Julia Farrugia Portelli**

Fl-20 ta' Lulju, rappreżentanza sabiħa tal-Kunsill Lokali tar-Rabat iltaqgħet mal-Onor Julia Farrugia Portelli, Segretarju Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi fl-Uffiċċju tagħha f'Kastilja. Matul din il-laqgħa ssemmew diversi temi fosthom:

- In-nuqqas ta' aċċessibilita' taċ-Ċentru Ċiviku u l-faċilitajiet li qed ibatu minħabba hekk, fosthom il-librerija pubblika
  Dwar dan is-Sindku qal li qed naħdmu sabiex nieħdu d-devoluzzjoni tal-parti komuni taċ-Ċentru Ċiviku.
- L-invażjoni tal-ħamiem selvaġġ li qed initten ir-Rabat, iz-zoni turistiċi u s-siti storiċi
- Il-problemi soċjali, loġistiċi u oħrajn li hemm fl-appartamenti tal-Gvern ta' Għeriexem.
- Il-problemi ta' żvilupp bla rażan tal-lukanda fuq is-Saqqajja għal fuq ir-riħ ta' Vjal Santu Wistin, tat-twaqqiħ tal-lukanda Verdala u l-bini tagħha mill-ġdid.
- Il-problemi tal-għargħar speċjalment in-naħa ta' fejn tagħqad Triq it-Tabija ma' Vjal il-Ħaddiem u t-triq tal-Imtarfa.

**Laqgħa mal-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali**




Fit-23 ta' Lulju inżammet laqgħa kordjali fl-Uffiċini tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali ġewwa l-Marsa. F'din il-laqgħa ssemmew diversi temi fosthom:

(i) l-inizjattiva li ttieħdet biex f'Jum il-lokalita' l-Kunsilli Lokali jorganizzaw inizjattivi li fihom iħeġġu liċ-ċittadini tal-lokalita' tagħhom jagħtu d-demm.

(ii) Il-kunsillieri qed ikunu mħeġġa sabiex mill-*allowance tal-Communications u t-Travel* li jingħataw jinqatgħu Eur2.33 fix-xahar biex imorru għall-*Community Chest Fund.*

(iii) L-involviment tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fil-*Bus Shelters* il-ġodda (tal-Ħġieġ) sabiex il-kuntratt li kien hemm mal-kumpanija *Faces Consultants Ltd*, ikun riattivat

(iv) Il-bżonn tat-taħriġ għall-kunsillieri bl-ewwel sezzjoni se tkun qed tinżamm fl-14 ta' Settembru 2019 fejn indirizza 'l dawk interessati l-Awditur Ġenerali. Kien organizzat seminar fil-25 ta' Ottubru 2019 dwar il-Kodiċi ta' Etika. Kors f'Masters Level 7 li qed ikun issussidjat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli.

(v) L-organizzazzjoni ta' *Team Building event* fil-Belt Valletta li se ssir f'forma ta' *Treasure Hunt* u se tkun qed tintuża teknoloġija bħall-i pads etc.

(vi) Kors ieħor fil-*Mental First Aid.*

(v) Il-bżonn biex il-kunsilli jibgħatu id-*data* dwar il-kunsillieri minħabba *Data Protection* li l-AKL kienu staqsew għaliha aktar kmieni din is-sena.

Minn naħa tal-kunsillieri preżenti, intqal illi għadna kemm varajna uffiċjalment is-sit fuq *Facebook*. Xi kunsillieri preżenti ilmentaw ukoll dwar il-permessi mill-*Malta Tourism Authority* dwar il-ħruġ tal-imwejjed u s-siġġijiet (mhux il-*one time permits* li joħroġ il-Kunsill fil-festi) kif ukoll li mhux qed inkunu konsultati fi proġetti kbar bħalma huma ix-xogħlijiet f'toroq arterjali li minkejja li m'humiex fir-responsabbilita' diretta tal-Kunsill jaqgħu taħt il-konfini tagħna.

**Central Link – Laqgħa pubblika ta' nformazzjoni**



Nhar id-29 ta' Lulju il-Kunsill Lokali tar-Rabat organizza laqgħa pubblika ta' nformazzjoni fiċ-Ċentru *Għajn* tan-Nigret biex il-pubbliku jkun jaf aktar dwar il-proġett minkejja li dan mhux se jsir fil-konfini tar-Rabat. Dan għaliex se jkun qed jaffettwa t-traġitt ta' bosta Rabtin speċjalment lejn in-naħa t'isfel ta' Malta. Il-kelliem ewlieni kien is-Sur Fredrick Azzopardi, ic-*Chief Executive Officer* ta' Infrastruttura Malta li wieġeb għad-domandi tal-pubbliku u ta spjega ċara ta' kemm se jkunu sagrifikati siġar u kemm se jitħawwlu minflokhom oħrajn ġodda bħalma ġara eżattament fil-proġett ta' Buqana u li għal kull investiment ta' Eur1 se jkun hemm benefiċċju ta' Eur16.

**Maratona ta' laqgħat bejn it-30 ta' Lulju u l-1 t'Awwissu 2019**



Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv matul dawn it-tlett ijiem iltaqgħu mal-kuntratturi li qed joffru servizz lill-Kunsill: Is-Sur Wilson Mifsud, id-direttur ta' *WM Environmental* (kuntatt tal-ġbir tal-iskart u l-latrini pubbliċi ta' Triq Santa Rita u Triq il-Kulleġġ), *Wastecollection Ltd* (l-eks kuntrattur tal-ġonna pubbliċi u tal-Knis tat-Toroq fir-Rabat, tal-Virtu' u tal-Baħrija), il-*Contract Manager*, is-Sur Raphael Carabott (li jiċċertifika l-kontijiet tal-kuntratturi imsemmija), il-Perit Charles Buhagiar A & CE, biex tkun riattivata l-applikazzjoni tar-*Refurbishment* tal-Uffiċċju tal-Kunsill, kif ukoll mal-organizzaturi (wara bidla fil-kumitat) tal-attivita' li tittella' kull sena fl-inħawi Ta' Ġieżu, bl-isem *Natalis Notabilis.* Laqgħa oħra mal-kumitat amministrattiv ta' din l-attivita' saret fit-23 ta' Ottubru fejn il-Kunsill kien wieħed mill-*main sponsors.*

**Żieda ta' aktar kotba fil-librerija l-miftuħa**



Fi sforz biex insaħħu l-kultura tal-qari, l-Onor Julia Farrigia Portelli u s-Sindku, ltaqgħu fil-*Playground* fejn hemm l-*Outdoor Library* nhar it-8 ta' Awwissu biex isostnu din il-librerija pubblika b'aktar kotba li jappellaw għaċ-ċkejknin li jkunu qed jilgħabu fin-Nigret. Din l-attivita' li għaliha ma kienx hemm ħafna daqq ta' trombi, nemmnu li serviet biex qanqlet aktar interess fost it-tfal ħalli jaqraw aktar.

**Latrina Pubblika ta' Triq Santa Rita**

Peress li ma kienx hemm titjib fiż-żamma tal-latrina pubblika ta' Triq Santa Rita, il-Kunsill Lokali tar-Rabat iddeċieda li jittermina l-kuntratt ma' *WM Environmental*. Infatti is-Sur Stephen Borg kien imqabbad biex jieħu ħsieba sakemm il-Kunsill Lokali tar-Rabat jerġa' joħroġ il-kuntratt bl-offerta pubblika.

**Uffiċċju temporanju sakemm isiru tiswijiet fil-Muniċipju**

F'tentattiv biex jinstab fond ieħor temporanju sakemm il-Kunsill joħroġ l-offerta pubblika biex isiru t-tiswijiet fi 8 Triq L-Isptar, ir-Rabat, is-Segretarju Eżekuttiv mar jagħmel spezzjoni f'diversi postijiet li kienu offruti għall-kiri/xiri. Fosthom il-post magħruf bħala tat-Tlata li jinsab fi Triq San Pawl kantuniera ma Triq il-Karrijiet. Dan hu post ġdid idejali iżda l-offerta kienet għolja wisq. L-ispezzjoni saret nhar it-8 t'Awwissu. L-għada, 9 ta' Awwissu, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv marru jaraw fond ieħor fi Triq Inguanez viċin ħafna tal-lukanda Verdala u ieħor fl-istess triq kantuniera ma Triq Santu r-Rokku.

**Uffiċċju tal-Kunsill fil-Baħrija**



Fil-*Maiden Speech* tas-Sindku li sar dak in-nhar li ħadu l-ġurament ta' Sindku u Viċi Sindku is-Sinjuri Sandro Craus u Matthew Chetcuti minn Dr Chris Cardona, ssemma' l-bżonn tal-ftuħ ta' uffiċċju tal-Kunsill fil-Baħrija. Għal dan il-għan is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-iżviluppatur ta' Tumas Group biex jiddiskutu dwar biċċa art li tinsab quddiem il-Knisja l-ġdida tal-Baħrija. Is-Sur Tumas qal illi din l-*area* li kienet *earmarked* biex issir ġnien, m'hemmx għalfejn issir kollha ġnien peress li fil-Baħrija hemm ħafna kampanja u jekk jitħalla jibni fuq l-ewwel sular kemm-il darba l-Kunsill iġib il-permessi, hu lest li jibni l-ground floor għall-Kunsill mingħajr ħlas.




**Skemi tal-Ġbir tal-Iskart Separat**

Laqgħa importanti li seħħet nhar is-27 ta' Awwissu, fl-Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv fil-preżenza tas-Sindku, kienet dik mal-*Greenmt Ltd*. Is-Sur Joe Attard il-Kap Eżekuttiv, hu inkarigat illi jforni l-boroż tal-iskart separat lir-residenti mingħajr ħlas u jqassamhom hu stess, li jipprovdi għall-ġabra tal-kartun, plastik u landa kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa u l-ġbir tal-ħġieġ bieb bieb ukoll, nhar l-ewwel u t-tielet ġimgħa tax-xahar.

**Għajnuna mill-Awtorita' tad-Djar biex il-komun tal-appartamenti ikun riabilitat**

Nhar id-28 ta' Awwissu is-Segretarju Eżekuttiv kellu l-opportunita' jiffirma d-dokumentazzjoni ġewwa l-Awtorita' tad-Djar biex il-komun tal-appartamenti l-kuntratt ta' Skema 2. Il-firmatarji bħal dejjem ikunu l-amministraturi tal-blokka li jkunu jistgħu jitolbu x-xogħlijiet li l-aktar li jidhrilhom li hemm bżonn.




**Konferenza mid-Dipartiment Gvern Lokali dwar l-irwol tal-*Contract Manager***

Nhar it-28 ta' Awwissu, id-Dipartiment Gvern Lokali laqqa' lis-Sindki u lis-Segretarji Eżekuttivi biex is-Segretarju Parlamentari, l-Onor Silvio Parnis jispjega l-irwol tal-*Contract Manager* fuq il-kuntratti ta' tindif. Hu spjega illi peress li f'pajjiżna jidher li n-nuqqas ta' ndafa hija evidenti, l-ingaġġar ta' *Contract Manager* se tkun tassattiva fuq il-Kunsilli kollha.

**Laqgħa oħra minn industrijalist – Żvilupp tal-lukanda Verdala**



Nhar it-28 ta' Awwissu, l-kunsillieri qabel il-laqgħa tal-Kunsill attendew għal-laqgħa mal-iżviluppatur Anglu Xuereb ta' *AX Holdings* biex ikun spjegat lilhom fi preżentazzjoni l-propost żvilupp tal-lukanda Verdala. Bħala periti tekniċi kien hemm diversi persuni li kellhom l-opportunita' jwieġbu għall-mistoqsijiet tal-kunsillieri.

**Skema ta' Restawr tad-Dipartiment Gvern Lokali**



Il-Kunsill Lokali tar-Rabat bagħat il-proposti tiegħu biex ikunu restawrati kemm l-Għajn tal-Ħasselin fi Triq Tabija kif ukoll il-Knisja tal-Kunċizzjoni fil-Baħrija. Nhar id-29 ta' Awwissu kienet l-aħħar ġurnata fejn intlaqgħu il-proposti. L-iskema nazzjonali issa qed tiġi analizzata mid-Diviżjoni Gvern Lokali biex il-fondi jitqassmu fuq il-mertu ta' dawn l-applikazzjonijiet.

**Rapport dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fl-uffiċċju tal-Kunsill**

Wieħed mill-obbligi li għandu l-Kunsill hu dak tas-Saħħa u s-Siġurta' fejn jidħol uffiċċju. Peress li fil-Bini Muniċipali jsiru bosta korsijiet fosthom tal-*Lifelong Learning*, il-Ministeru tal-Edukazzjoni ġiegħlna nagħmlu ir-rapport tas-Saħħa u s-Siġurta'. Wara li kienu flaggjati bosta diffikultajiet, ir-rapport ħareġ wara spezzjoni bir-reqqa li saret fl-uffiċini tagħna minn kumpanija nhar id-9 ta' Settembru 2019.

**Kuntratt tal-konkos**

L-iffirmar tal-kuntratt tal-provista tal-konkos kien iffirmat bejn *Rockcut* u l-Kunsill Lokali tar-Rabat nhar il-11 ta' Settembru 2019 fl-uffiċċju tagħna fil-preżenza tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**Saqqajja Hotel – Eks Tattingers**

Qabel ma bdiet il-laqgħa tal-Kunsill ta' nhar il-11 ta' Settembru, il-kunsillieri kellhom laqgħa mal-iżviluppaturi ta' lukanda li minkejja li ma tinsabx fil-konfini tagħna għaliex taqa' ma' dawk tal-Imdina, hija l-entratura prinċipali tar-Rabat u ta' kull min ikun tiela' għas-Saqqajja. Din il-preżentazzjoni viżiva kienet xprunata mill-iżviluppatur u l-kelliema tiegħu, fosthom is-Sur Lou Bondi u l-periti li huma mpenjati li jsebbħu din il-parti tar-Rabat.

***Foundation for the Wellbeing of Society***

Nhar it-12 ta' Settembru s-Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa mal-Fondazzjoni għat-Tisħiħ tas-Soċjeta' flimkien ma rappreżentanti ta' kunsill lokali oħrajn. Matul din il-laqgħa kien diskuss il-Proġett Komunitarju u kien propost illi fir-Rabat dan ikun jikkonsisti fil-Ġnien Bir Iljun. Il-Kunsill se jiddiskuti dan kollu fid-dawl illi se jibbenefika minn fondi tal-Ewropa biex ikun jista' jirriabilita' dan il-ġnien li dan l-aħħar ġie abbandunat.

**Fiera tal-Kotba**




Bejn it-13 u l-15 ta' Settembru, l-Kunsill Lokali tar-Rabat permezz tal-Kunsillier Dr Karl Muscat organizza fiera tal-Kotba fil-Mużew ta' *Wignacourt* fi Triq il-Kulleġġ fir-Rabat. Dan sar permezz tal-ħidma ta' *Agenda Book Shop* u l-amministrazzjoni tal-Mużew li kienu strumentali biex il-familji u r-Rabtin ikunu jistgħu jibbenefikaw minn roħs fuq dawn il-kotba.

**Erbgħa avvenimenti fl-istess ġurnata**



Nhar il-Ħadd 15 ta' Settembru kienu organizzati diversi attivitajiet fir-Rabat. L-ewwel waħda tkun it-tluq bir-roti mir-Rabat (fuq is-Saqqajja) tal-pellegrinaġġ tal-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar. Dan seħħ kmieni filgħodu. Dan sar waqt li kien hemm miftuħa l-fiera tal-kotba kif spjegat hawn fuq u fl-istess waqt kienu qed jiltaqgħu għaxriet ta' voluntiera biex imorru l-Imtaħleb u jagħmlu tindifa fl-attivita' magħrufa bħala **Clean Up the World.** Propju qabel ma bdiet il-fiera tradizzjonali tal-Vitorja tal-Imtaħleb fil-kappella dedikata lilha.

**Ġnien Għar Barka u l-problema tad-dlam tal-Belveder**


ERA
Environment & Resources Authority

Ms Nadia Gatt Curmi
Obo Ministry for Transport, Infrastructure and Capial Projects,
[redacted]

Date: 18th September 2019
Our Ref: NP 0149/19

| | |
|---|---|
| Application Number: | **NP 0149/19** |
| Approved documents | **NP 0149/19/1C/1D** |
| Location: | **Ġnien Għar Barka, Triq Ġużepp Balzano c/w Triq Għar Barka, l/o Rabat** |
| Proposal: | **Uprooting and transplanting of trees** |

Laqgħa oħra ta' nteress kbir kienet dik li seħħet nhar it-18 ta' Settembru mal-uffiċjali tal-Ministeru ta' l-Onor Ian Borg, li hu kommess li jirriabilita' l-ġnien ta' Għar Barka. Intant il-Kunsill installa' dwal ġodda fil-Belveder ta' Għar Barka u ħawwel diversi siġar bil-ħidma tal-istess Ministeru.

**Triq San Patrizju**

Fid-19 ta' Settembru, kienet organizzata laqgħa mqanqla għar-residenti ta' Triq San Patrizju propju fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill. It-tema kienet dwar jekk din it-triq li kien għadha kif inksiet bit-tarmak mill-Gvern Ċentrali għandiex issir one way jew le. It-talba kienet sussegwentement imressqa lill-Transport Malta u intlaħaq ftehim bejn kulħadd billi din saret aktar tard one-way.

**Proġett ta' *Scanning, storing u shredding***

Fl-20 ta' Settembru is-Segretarju Eżekuttiv iltaqa' ma rappreżentanti ta' *Rent A Store* fil-Kunsill Lokali tar-Rabat biex tkun indirizzata l-problema ta' arkivjar ta' *files* li għandhom diversi snin. Qabel intlaħaq dan il-ftehim kienu diskussi dak kollu li jista' jkun arkivjat u dak li jista' jiġi xredjat permezz ta' direzzjoni li ħadna minn uffiċjal apposta assenjat mill-Arkivji tal-Isptar Santu Spirtu. Dawn għandhom uffiċjali apposta biex jidentifikaw x'għandu jsir minn din id-dokumentazzjoni. Infatti dwar din tal-aħħar saret viżita' fil-Muniċipju minn persuna inkarigata f'dan il-qasam nhar il-31 ta' Ottubru.

**Stedina għall-Istampa u x-Xandir – Lukanda fuq is-Saqqajja**


Council to fight 'tooth and nail' against Rabat project

MATTHEW XUEREB

"Let us not repeat the mistakes done in Sliema"

Nhar it-12 ta' Ottubru, l-Kunsill Lokal tar-Rabat sejjeħ Laqgħa għall-Istampa sabiex jiddeskrivi aħjar is-sodisfazzjon tiegħu biex Vjal Santu Wistin u Pjazza Saqqajja jibqgħu ħielsa minn żvilupp massiċċ ta' lukanda li kienet se tkun qed tistona mal-bini b'żewġ sulari tal-madwar. Il-Kunsill kien sodisfatt li rebaħ is-sens komun u d-daħla tar-Rabat u Vjal Santu Wistin se jibqgħu imsebbħa b'vilel sbieħ b'karattru u mhux mibjugħa bir-rabazz għall-kummerċ sfrenat.

**Appoġġ għall-Ikla organizzata miċ-Ċentru San Luqa fin-Nigret**

Dik li hija msejjħa bħala ikla għal foqra, hija issa assoċjata mal-Kappella tan-Nigret. Infatti waħda minn dawn l-ikliet kienet organizzata nhar it-13 ta' Ottubru fl-istess ċentru u dan wassal biex il-Kunsill Lokali tar-Rabat jagħti is-sostenn kollu tiegħu biex setgħet tinżamm din l-ikla fil-Festa ta' San Luqa. Dan sabiex dawk li qed iħossuhom waħidhom u effettivament ikkunsidrati bħala emarġinati, jħossu mil-ġdid dan is-sens ta' Djakonija li jkunu inklużi fis-soċjeta' u fuq kollox isibu lil min jifhimhom.

**Carlo Schembri – diżinn tal-uffiċċju**




Waħda mill-kumpanija li ġiet inkarigata mid-diżinn u l-użu tal-uffiċċju hija dik ta' Carlo Schembri. F'laqgħa li saret nhar l-24 ta' Ottubru, kien deċiż illi din il-kumpanija jkollha l-inkarigu li tipproponi kunċetti innovattivi biex ikunu jistgħu jiġu implimentati mill-uffiċċju tal-Perit Charles Buhagiar. F'din il-laqgħa kienu deċiżi illi l-uffiċċju fis-sular t'isfel ta' 8, Triq l-Isptar, ikollu *waiting room* u l-*back office* jitla' kollu fis-sular ta' fuq.

**Asfaltar ta' Triq l-Imtaħleb**




Il-Kunsill Lokali tar-Rabat kien applika biex issir bit-tarmak Triq l-Imtaħleb permezz ta' Miżura 4.3. Madankollu f'dan is-sit hemm l-intenzjoni illi l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ddaħħal is-servizz tad-drenaġġ f'dawn l-inħawi rurali. Flimkien mal-Junior Architect mill-uffiċċju tal-Perit Charles Buhagiar, fil-preżenza tal-Perit tal-kuntrattur tal-Kunsill, is-Sur Reuben Aquilina ta' Bonniċi Brothers u fil-preżenza tal-Perit tal-Korporazzjoni tal-Ilma li hija responsabbli mil-grey water, Arch Beverly Costa, saret laqgħa nhar it-30 ta' Ottubru biex ikun ko-ordinat aħjar dan ix-xogħol. Peress li dawn ix-xogħlijiet se jieħdu aktar miż-żmien previst, dak in-nhar stess, inżammet laqgħa mal-Onor Ministru Herrera fl-uffiċċju tiegħu biex tingħata estenzjoni mill-ARPA.

**Il-Festa ta' San Martin tal-Baħrija u l-permessi tal-ħwienet**



Qabel ma ħarġu l-permessi tal-ħwienet fil-festa ta' San Martin tal-Baħrija, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu fil-Baħrija stess mas-sidien tal-ħwienet. F'din il-laqgħa kordjali kienu diskussi diversi temi u kien deċiż illi terġa' ssir laqgħa oħra fil-preżenza tal-Pulizija.

**Pubblikazzjoni dwar il-Laqmijiet Rabtin**




Is-Sur Luke Micallef, l-awtur ta' pubblikazzjoni dwar il-laqmijiet iltaqa' mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv biex ix-xogħol riċerkat tiegħu, isir pubbliku għall-benefiċċju ta' ħafna Rabtin li kellhom stennija kbira għal dan il-ktieb. F'laqgħa oħra separate tal-Kunsill, kien deċiż illi l-pubblikazzjoni tkun sponsorjata mill-Kunsill Lokali u għaldaqstant kien deċiż nhar il-31 ta' Ottubru li ssir l-inawgurazzjoni uffiċjali ta' din il-pubblikazzjoni. Fuq kollox il-KLR ikollu full rights tal-pubblikazzjoni.

**Naiomi Bugeja Micallef**



Is-Sinjorina Naiomi Bugeja Micallef ġiet ingaġġata fi Skala XVI mal-Kunsill Lokali tar-Rabat fl-4 ta' Novembru 2019. Bl-ingaġġ tagħha żdiedet l-effiċjenza fil-*Front Office* għaliex issa hemm tliet skrivani fl-istess ħin biex ilaħħqu mad-domanda kbira li kull ma jmur dejjem qed tiżdied. Hija qed tati servizzi privatizzati bħal dawk tal-ġbir tal-iskart goff.

**L-uffiċċju tal-Kunsill għal Triq Inguanez k/m Triq Santa Rosa**



Nhar il-5 ta' Novembru saret laqgħa oħra fis-sit fejn se jakkomoda ruħu temporanjament il-Kunsill wara li kienet ħarġet *Expression of Interest* u dik tas-Sur Patrick Galea kienet l-aktar waħda rħisa u li tagħmel sens fiċ-ċirkustanzi. Peress li fadal xi affarijiet xi jsiru saret lista li nżammet mis-Sur Galea biex dawn l-affarijiet isiru immedjatament biex tibda l-kirja tal-fond li jikkonsisti f'żewġ appartamenti. Fil-Muniċipju l-antik, sadanittant, bdew xogħlijiet ta' emerġenza bħat-tneħħija tal-gallerija l-qadima li kienet se taqa' għat-triq biex nassiguraw lill-pedestrians.

**Jsiru t-tiswijiet fuq il-bandli tal-Baħrija u anke tindif**



Fis-6 ta' Novembru il-Kunsill investa f'madwar Eur1,000 biex irranġa kif xieraq diversi ħsarat imwettqa minn vandaliżmu fil-*playing field* tal-Baħrija. Minkejja dan kollu, it-tapit tal-lastiku li joffri protezzjoni liż-żgħar f'każ ta' waqgħa, jrid jinbidel u saru xogħlijiet fuq il-bankijiet li hemm imwaħħla f'din iz-zona rurali. Tiswijiet oħrajn saru wkoll fuq il-ħajt tas-sejjiegħ li jostor il-latrina pubblika biex tibqa' tidher bħal dura f'ambjent verament sabiħ lest għal Festa ta' San Martin tal-Baħrija fid-9 u 10 ta' Novembru. Sar ukoll tindif viċin il-Knisja mil-ħaddiema tad-Dipartiment tat-Tindif.

**Duwa mill-Pjanti**



Laqgħa pubblika indirizzata mis-Sur Mario Salerno, espert fil-pjanti, kienet imtella' fiċ-Ċentru ***Għajn*** tan-Nigret nhar il-21 ta' Novembru 2019. Matul din il-laqgħa tqassmu *leaflets* informattivi dwar it-trattament tal-pjanti biex jinżammu ħielsa mill-mard u l-insetti.

**Laqgħa pubblika għar-Residenti ta' Landrijiet, is-Salvatur u l-Imtaħleb**






Nhar il-21 ta' Novembru inżammet laqgħa mar-residenti li se jkun introdott fir-residenza tagħhom id-drenaġġ. Din saret ukoll fiċ-Ċentru *Għajn* tan-Nigret u matulha il-Perit Beverly Costa wieġbet għad-domandi tal-pubbliku li kien bi ħġaru jisma dan kollu, wara li kien mistieden jattendi mill-Kunsill Lokali tar-Rabat. Dawn it-talin s'issa kienu qed jinqdew bil-fossa għaliex is-sistema tad-drenaġġ tal-gvern ma twassalx sad-dar tagħhom.

**Preparazzjoni għall-ħruġ ta' offerta dwar dawl fuq il-koppli tal-knejjes tar-Rabat**

Bi preparazzjoni għall-ħruġ ta' din l-offerta l-kumpanija Galea Curmi fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv bdiet tagħmel spezzjoni bil-kortesija tal-entitajiet ekkleżjastiċi biex issir stima kemm jiswew dawn ix-xogħlijiet ta' spejjeż kapitali. L-ewwel spezzjoni saret fit-28 ta' Novembru u oħrajn saru fit-28 ta' Diċembru u dawn baqgħu isiru sa Frar 2020 fuq il-Knejjes ta' San Pawl, Ta' Ġieżu, San Mark, Santu Wistin, Ta' Qasgħa, tax-Xerri u wkoll ta' San Martin fil-Baħrija.



Il-Kunsill Lokali Ir-Rabat

qed jistiednek għat-tnedija tal-ktieb

**The Maltese Laqam - Rabat's Perspective**

miktub minn Luke Micallef

nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Novembru 2019 fis-7.00 ta' filgħaxija

fil-Wignacourt Museum,

Triq il-Kulleġġ, Ir-Rabat.

**Tnedija ta' Ktieb.**

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat nieda ktieb bl-isem *The Maltese Laqam – The Rabat Perspective*. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li joħroġ l-ispejjeż kollha biex kien ippubblikat ix-xogħol ta' Luke Micallef b'mod li niżel għasel mar-Rabtin kollha. Din l-inawgurazzjoni saret fil-Mużew ta' Wignacourt nhar id-29 ta' Novembru 2020 fost folla numeruża li ħadet ukoll pjaċir bil-mużika li żewqet id-diskorsi tas-Sindku u fuq kollox tal-awtur.

**Kisi ta' Triq L-Imtaħleb**



Fit-2 ta' Diċembru saret laqgħa ta' ko-ordinazzjoni fis-sit fejn wara li tlestiet it-Triq ta' Koronja, issa se jibda x-xogħol fuq it-Triq tal-Imtaħleb. F'din it-triq hemm diversi friegħi tas-servizzi tal-ilma x'jiġu mgħoddija minn taħt it-triq u għaldaqstant ma jistax jibda' l-kisi mingħajr ma wieħed iwettaq dawn ix-xogħlijiet. F'din il-laqgħa fuq is-sit, kien hemm preżenti rappreżentanti tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kif ukoll tal-kuntrattur tal-Kunsill, Bonnici Brothers.

***Christmas Choir Festival***



Fis-7 ta' Diċembru, l-Kolleġġjata ta' San Pawl laqgħat diversi korijiet fil-Festival li issa qed jidħol sew fil-kalendarju soċjo kulturali tar-Rabat. Dan il-Festival hu organizzat mir-Reġjun Tramuntana u qed jattira diversi udjenzi kemm b'kulturi differenti u fuq kollox internazzjonali. Infatti xi siltiet minnu dehru wkoll fuq il-media nazzjonali bi prominenza kbira.

**Natalis Notabilis – 11/12/2019 sal-15/12/2019**





Bħalma diġa' saret referenza f'dan l-istess rapport, din is-sena konna wieħed mill-*isponsors* ewlenin ta' dan l-avveniment. Mhux biss, iżda għal sena oħra il-Kunsill Lokali tar-Rabat inqeda bl-armar tad-dwal tat-toroq tal-Milied tal-istess entità, biex kompla jżejjen it-toroq tan-naħa t'isfel tar-Rabat b'tiżjin verament sabiħ.

**Dwal tal-Milied fit-toroq**






Inħarġet offerta pubblika apposta biex il-Kunsill ikun jista' jarma t-toroq tal-Milied kif kien xieraq. Din l-offerta ħaditha l-kumpanija *Mica Med* li kienet imfaħħra fost *motifs* oħra għas-siġra tal-Milied li tpoġġiet fil-Pjazza tal-Parroċċa eżattament fejn kull sena r-radju tal-Komunita' jingħata l-permess ixandar programmi biex jinġabru fondi għall-karita' – avveniment tradizzjonali li ilu jsir minn qabel ma kienu mwaqqfa l-Kunsilli Lokali.

**Attivita' tat-Tfal – 22 ta' Diċembru**





Bħalma issa ilu jsir għal diversi snin il-Kunsill organizza il-ħarġa tat-tfal fil-Milied b'dawra fuq it-trenn mingħajr binarji. Din kienet attrazzjoni għal diversi tfal u ġenituri tagħhom u din is-sena b'differenza ingħataw ir-rigali fil-Mużew ta' Wignacourt fejn kien hemm ukoll festin żgħir u xi animazzjoni. Attivita' oħra kienet dik fejn it-tfal ħadmu tiżjin tal-Milied b'materjal riċiklabbli u tpoġġa fuq siġra tal-Milied fi Triq il-Kulleġġ.

**Rappreżentanza tal-Kunsill Lokali Rabat fil-Majjistral Action Group Foundation (MAGF) Annual General Meeting (AGM)**

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa sehem fil-laqgħa annwali tal-MAGF. Kienet esperjenza ta' qsim ta' ħsibijiet ma' diversi membri oħra minn kunsilli lokali differenti li ħadet forma ta' diskussjoni informali eżattament wara l-power point show li ddeskriva tant tajjeb ħidmet l-MAGF.

**Drink tal-Milied mal-Għaqdiet Rabtin**

Fid-29 ta' Diċembru diversi persuni minn numru kbir ta' għaqdiet Rabtin intasbu fil-kamra ewlenija tal-Kunsill biex jawguraw il-ħidma t-tajba fis-sena 2020 u jirringrazzjaw lill-Kunsill tas-sosten tiegħu għall-għaqda tagħhom. Kienet okkażjoni unika fejn dawn id-diversi membri li jagħtu tant ħin volontarju min fil-Banda, fil-logħob tan-Nar, Politika, Tiżjin tat-Toroq fil-festa, Boys Scouts, Girl Guides, Rabat Ajax Football Club u diversi għaqdiet oħrajn kienu kollha flimkien b'mod mill-aktar informali jaqsmu l-esperjenzi tagħhom.